**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

## Seduta numru 46 tas-Sitt Leġislatura
## Illum it-Tlieta 24 ta' Lulju 2012

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Evalwazzjoni Tenders u Kwotazzjonijiet
5. Lejla Mġarrija
6. Festa Santa Marija 2012
7. Affarijiet Mixxellanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Giovanni Gatt u il-Kunsilliera Maria Said, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

**1 Minuti**
*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

1.2 *dwar punt 3.1* : Is-Sindku informa li wara li kienet intgħażlet Marfy Abela biex tieħu ħsieb it-tnidif tal-uffiċċju amministrattiv, u wara li din kienet bdiet twettaq

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

dan ix-xogħol b' mod tajjeb, minħabba raġunijiet personali kellha ssiefer għall-perjodu ta' żmien indeterminat. Għaldaqstant ittieħdet id-deċiżjoni sabiex, skond l-offertimilqugħa fl-aħħar sejħa, tissejjaħ persuna mill-kumpanija Gafa' Safeways Ltd biex jingħata dan is-servizz. Fil-fatt it-tindif tal-uffiċċju amministrattiv issa qed isir minn rappreżentant ta' din il-kumpanija.

1.3 *dwar punt 4.3* : Eman Vella informa li l-proċess u l-ftehim tad-devoluzzjoni issa kienu ġew konklużi u ffirmati.

1.4 *dwar punt 4.4* : Eman Vella informa wkoll li kien sar xogħol fuq il-Bill of Quantities tal-Proġett ta' Ta' Darrenzi u issa l-ispiża totali ta' dan il-proġett hija mmirata li tkun €316,351.

1.5 *dwar punt 9.2* : Clayton Gauci u Eman Vella infurmaw li peress li fuq l-arja tal-Bajja tal-Ġnejna kien ħareġ 'Emergency Conservation Area Notice', il-tournament tal-volleyball kien ser jiġi pospost għall-wara li titneħħa din in-notifika, possibilment lejn Settembru.

## 2 Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.4 Stedina minn Mons. Alwiġ Deguara għall-kommemorazzjoni tal-anniversarju mis-60 sena tal-ordinazzjoni tiegħu.

2.5 Proposta ta' ġemellaġġ mal-belt Ġermaniża ta' Morbach mingħand il-pittur Olaf Schabbach, li pitturi tiegħu jinstabu fit-Tempra Contemporary Art Exhibition fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Sindku ressaq proposta ta' modifikazzjoni għat-taraġ tal-knisja parrokkjali li jinkludi installazzjoni ta' rampa minn Triq il-Kbira. Wara diskussjoni dwar din il-proposta, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-proġett jiġi mressaq u propost u jingħata bidu għall-proċess biex jitwettaq.

3.2 Is-Sindku informa li kien għamel laqgħat mal-perit tal-Kunsill dwar il-proġett tal-Playing Field ta' Wesgħat il-Ġublew. Dan wara li l-MEPA talbet li l-proġett jiġi irtirat 6 metri 'il ġewwa minn kif pjanat. Ġie mifthiem mal-perit li dan ser jiġi oġġeżżjonat u li ser jiġi propost soft-landscaping ta' 2 metri.

## 4. Evalwazzjoni Tenders u Kwotazzjonijiet

4.1 Is-sejħiet għall-Kwotazzjonijiet u Tenders ġew evlawati u ttieħdu id-deċiżjonijiet segwenti:

- **Tender MGR 2012/02** – Materjal ta’ *Instant Road-Repair* għat-tiswija ta’ toroq : ġie deċiż li tiġi milqugħa l-offerta ta’ Bitmac Ltd.

- **Tender MGR 2012/03** - Servizz ta’ *Accontant* mal-Kunsill u **Tender MGR 2012/04** - Servizz ta’ bini u manteniment ta’ *Fixed-Asset Register*: peress li kien hemm l-istess tliet offerenti għall-dawn iż-żewġ tenders, u peress li tnejn minn dawn l-offerenti ma’ tefgħux il-Bid Bond, ser jittieħed il-parir legali min-naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan il-każ.

- **Tender MGR 2012/05** - Servizz ta’ manutenżjoni tal-aperturi tal-injam tal-bini tal-uffiċċju amministrattiv : Peress li ma irċevix l-ebda’ offerta, il-Kunsill ser jesplora l-possibilita’ li tinħareġ sejħa oħra.

  - **Kwotazzjoni MGR 2012/K8 -** Aperturi tal-aluminium għad-Day–Care Centre fil-Bini tal-Uffiċċju Amministrattiv : Il-Kunsill ma rċieva l-ebda’ kwotazzjoni għall-din is-sejħa.

  - **Kwotazzjoni MGR 2012/K9 -** Micro-Blinds għad-Day-Care Centre fil-Bini tal-Uffiċċju Amministrattiv: Il-Kunsill irċieva offerta waħda mingħand Portelli & Brincat u dawn ser jintalbu jiġu fuq il-post biex jieħdu il-qisien neċessarji.

  - **Kwotazzjoni MGR 2012/K10 -** Servizz ta’ ipprintjar ta’ materjal għall-amministrazzjoni tal-Kunsill: Il-Kunsill irċieva offerta waħda mingħand Gutenberg Press Ltd, li iżda ma tkoprix il-bżonnijiet kollha tal-Kunsill hekk kif spjegati fis-sejħa.

  - **Kwotazzjoni MGR 2012/K11 -** Servizz ta’ Sigurta’ għad-depożiti bankarji: Il-Kunsill irċieva offerta waħda mingħand G4S Security u ttieħdet id-deċiżjoni li din l-offerta tiġi aċċettata.

  - **Kwotazzjoni MGR 2012/K12 -** Materjal ta’ *stationery*, karti u affarijiet oħra simili għall-amministrazzjoni: Il-Kunsill irċieva żewġ kwotazzjonijiet, u l-aktar waħda kompluta u vantaġġuża tidher li hija dik ta’ Smart Office Supplies, li ser tiġi aċċettata.

- **Kwotazzjoni MGR 2012/K13** Servizz ta' Tindif tal-bini tal-Uffiċċju Amminsitrattiv – ara punt 1.2 ta' dawn il-minuti.

**5. Lejla Mġarrija**

5.1 L-avveniment tradizzjonali ta' kull sena 'Lejla Mġarrija' sere terġa tiġi organizzata l-Ħadd 5 ta' Awwissu f' Wesgħat il-Ġublew u toroq tal-madwar. Ser isir kollox bħas-snin l-imgħoddija –Kunsill ser ikun qed jaħdem flimkien mal-Kumissjoni Lejla Mġarrija għall-dan l-avveniment. Ser isiru laqgħat mal-awtoritajiet biex jiġu diskussi l-aħjar mod ta' ppjanar tat-traffiku, rottot tat-trasport pubbliku u oħrajn.

**6. Festa Santa Marija 2012**

6.1 Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-preparamenti għall-festa ta' Santa Marija. Saret diskussjoni dwar ir-reallokkazzjoni tal-gabbani tal-ikel u l-ġugarelli li ġiet mitluba ssir din is-sena minħabba il-bdil fir-rotta tal-purċissjoni. Wara laqgħat mas-sidien tal-gabbani, intbgħat ittra flimkien mal-pjanta tas-siti il-ġodda ta' dawn il-gabbani.

6.2 Saru ukoll laqgħat mal-pulizija, Transport Malta u l-Arriva biex jiġi zgurat l-aħjar immanniġjar tat-traffiku possibli fiż-żmien tal-festa.

6.3 Ser titbgħat ittra lir-residenti li ser jintlaqtu mill-arranġamenti tempornji tat-traffiku biex dawn ikunu mgħarrfa u jkun jistgħu jippjanaw aħjar minn qabel.

**7. Affarijiet Mixxellanji**

7.1 Is-Sindku informa li saret tindifa fil-Bajja tal-Ġnejna nhar it-28 ta' Lulju u li għalija inkera' 'bobcat'. Ix-xogħol sar mill-handimen tal-Kunsill u il-bajja tnaddfet minn ammont sostanzjali ta' ħmieġ u skart.

7.2 Is-Sindku semma' li kien ser jiġi propost bdil fil-linji tal-ġnien proġettat fil-Housing Estate, fi' Triq il-Banjijiet Rumani. Is-Sindku flimkien ma' Clayton Gauci marru fl-inħawi u tkellmu man-nies tal-post biex ir-residenti milquta isosstnu l-approvazzjoni tagħhom. Ir-residenti, fil-parti l-kbira tagħhom approvaw, imma mhux kollha kien preżenti.

7.3 Giovann Gatt wera' l-apprezzament tiegħu u tal-Kunsill lejn ix-xogħol siewi li wettqet l-Enemalta fil-qlugħ ta' arbli tad-dawl u cables mill-inħawi ta' Torri Falka sal-Bajja tal-Ġnejna.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

7.4 Giovann Gatt informa li kien ippjanat li l-Banda l-ġdid ta' l-Imġarr ser tiġi imbierka nhar il-Ħadd 11 ta' Awwissu u li l-Kunsill kien ser jirċievi stedina biex jattendi għall-dan it-tberik.

7.5 Eman Vella rrapporta li l-knis tat-toroq fi' Triq il-Kbira ma kienx qed isir kuljum. Ser jiġi avviċinat il-kuntrattur biex dan jitranġa minnufih.

7.6 Clayton Gauci rrapporta li kien hemm ħafna busbies fit-Triq tal-Ħaddedin u li dan kien hemm bżonn li jinqata'. Il-handimen tal-Kunsill ser jintbgħatu fuq il-post.

7.7 Eman Vella informa li kienet qed tiġi organizzata Youth Exchange mit-12 sad-19 ta' Awwissu, permezz tal-programm Youth in Action (YiA). Ser ikun hemm żgħażagħ mill-Portugal, Italjau Malta. Dan l-exchange ser issir fis-Seminarju tal-Virtu', ir-Rabat.

7.8 Eman Vella informa wkoll li l-Youth Exchange ieħor li kien ser issir fl-ngerija kellha jitħassar minħabba nuqqas ta' organizzazjoni mill-parteċipanti barranin kif ukoll peress li l-ispejjeż tat-titjir kien ser jiġu għoljin wisq u mhux vijabli għaż-żgħażagħ.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fit-8 :10pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta, 21 ta' Awwissu fil-5.30pm, fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku